MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 173/2008

Kawza fil-lista: 33

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Anthony Cutajar**
**u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Marzu 2005 fir-Registru Pubbliku, Malta kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi l-kunsens tal-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar il-kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet essenzjali taghha li, kif ukoll ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-Zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali ta' hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-Ligi;

6. Illi l-esponent jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn premessi, l-attur umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-28 ta' Marzu 2005, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikolu 19(1) u 19A tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b' mod generali u b' mod specifiku a tenur tal-provvediment tal-paragrafi (c) (d) u (f) tal-istess artikolu 19(1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk tordna li ssir annotazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-kuraturi deputati eccepew li f' dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rapprezentata u f' dan ir-rigward, minn issa

jitolbu lir-rikorrenti jiddikjara jekk ghandux xi indirizz tal-assenti jew numru tat-telephone ta’ l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenuta assenti kuntrattat fit-28 ta’ Marzu 2005 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenuta fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijet izzewgu fit-28 ta’ Marzu 2005 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ftit xhur. Wara konvivenza matrimonjali qasira l-partijiet isseparaw de facto billi l-konvenuta telqet ghal dejjem mid-dar konjugali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mix-xhieda, mhux kontraddetta ta’ l-attur, jirrizulta li hu sar jaf lill-konvenuta, cittadina mill-Kazakistan, tramite l-internet, u wara ftit taz-zmien huwa kien hallsilha l-biljett ta’ l-ajru sabiex tkun tista’ tigi Malta.

Meta din waslet Malta, il-partijiet bdew jghixu fid-dar ta’ omm l-attur;  u l-attur kien jipprovdilha ghal kollox, izda l-konvenuta kienet ossessjonata bil-fatt li riedet tmur toqghod f’ post centrali fil-pajjiz bhal Tas-Sliema, u ma kinitx riedet tibqa’ tghix go Hal Ghaxaq ghax skond hi ma kellhiex futur hemmhekk.  Hi kienet tkellem lill-attur biss fuq fejn tista’ ssib xoghol u fuq il-pagi li jhallsu Malta.  Izda l-attur kien ihobbha u ried jizzewwigha, u ghalhekk kien ghamel l-arrangamenti kollha sabiex isolvi l-problema taghha ta’ l-imigrazzjoni, biz-zwieg.  Wara li zzewgu bir-rit civili, marru d-depot tal-Pulizija u hemm il-konvenuta ottjeniet ufficjalment il-freedom of movement.

L-attur jghid: “Wara li zzewwigna nista’ nghid li D nbidlet fl-atteggjament taghha.” Kienet tohrog il-gurnata kollha u tirritorna lura filghaxija, u ma kinitx tati sodisfazzjon lill-zewgha fejn kienet tkun; filwaqt li dan, minn naha tieghu kien ihallsilha kollox, anke sabiex tkun tista’ tiekol barra matul il-gurnata. Kien ukoll hallsilha l-biljett ta’ l-ajru sabiex tkun tista’ ssiefer u tara l-familja taghha. Qabel ma telqet kellha tlett xhur tqala. Meta rritornat wara ftit xhur, il-konvenuta ma kinitx ghada tqila, u l-attur jghid li ma jafx jekk sarx korriment volontarju jew involontarju.

Sussegwentement, wara xi zmien hija kienet uriet ix-xewqa lill-attur li xtaqet terga’ tmur f’ pajjizha sabiex terga’ tara l-familja taghha, u ghalhekk kien hallsilha l-biljet ta’ l-ajru. Marret, izda baqghet ma rritornatx lura Malta u qatet kull kuntatt minn ma’ l-attur.

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenuta assenti; stante li jirrizulta manifest li, ghalkemm dina esternament ghaddiet minn cerimonja ta’ zwieg, izda nternament eskludiet b’ att pozittiv tal-volonta’ taghha, obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja matrimonjali, li fil-gurisprudenza jinsabu defeniti bhala “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obbligation of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of conjugal community. It is important to remember that these obligations must be mutual, permanent, continuous exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psycholoigical cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics [Viladrich – citat fis-sentenza PA[VGD] Anna Galea vs John Walsh deciza 20 ta’ Marzu 2000]. Inerenti f’ dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu

lilhom infushom lil xulxin fit-totalita' taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom the community of life and love."

Mill-provi jirrizulta car li l-konvenuta kienet inqdiet biz-zwieg biex tipprova taghmel futur f' Malta, u xejn aktar; u ma kellha ebda ntenzjoni li tghix il-hajja konjugali ma' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta' Marzu 2005. L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuta, izda dawk relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------